**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 431/06**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert N. Ciappara)**
**(Spettur Ramon Mercieca)**

**vs**

**Kevin Spiteri**
**(ID 258678(M))**

**Illum, 25 ta' Settembru 2015**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Kevin Spiteri ta' 28 sena, imwieled il-Pieta` fit-18 ta' Mejju 1978, iben Albert u Helen nee` Falzon, residenti 3, Bazzaru Lane, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 258678(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-28 ta' Ottubru 2006:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina lil Eugenio Lanzon ta' 17-il sena minn Birkirkara, liema droga hija specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i

minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-regolament 4 tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) U aktar talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Talli hedded lil Eugenio Lanzon u dan bi ksur tal-Artikolu 249(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini

Perikoluzi (Kapitolu 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi waqt l-ezami tieghu ai termini tal-Artikoli 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat wiegeb li m'huwiex hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Rat ukoll illi fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2013, id-difiza ezentat lill-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi li gew imressqa quddiem il-Qorti, kif diversament presjeduta, sa dakinhar, salv ghax-xhieda ta' Eugenio Lanzon, liema xhieda nstemghet mill-Qorti, kif preseduta, fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2014, fil-waqt illi l-Prosekuzzjoni ezentat lill-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi kollha;

Semghet lill-partijiet jirrimettu ruhhom ghall-provi.

**Ikkunsidrat**:

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Illi l-fatti saljenti li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Fil-jum in kwistjoni, ossia fit-28 ta' Ottubru 2006, certu Eugenio Lanzon, guvni ta' sbatax-il sena[1], waqt li kien akkumpanjat minn missieru Anthony Lanzon, ghamel rapport gewwa l-Ghassa ta' Birkirkara u dan fis-sens illi dakinhar stess, ftit tal-hin qabel, l-imputat kien avvicinah u staqsieh jekk riedx ibieghlu l-eroina, izda Lanzon irrifjuta u sussegwentement l-imputat qallu li jekk ma jixtrix minghandu, jisparalu u joqtlu. Skond ix-xhieda ta' PS 508 Frans Bezzina u PC 196 Dione Agius, Lanzon kien jidher bezghan. Ftit tal-hin wara, l-imputat ittiehed gewwa l-Ghassa minn PS 508 Frans Bezzina u hekk kif gie infurmat li kien qieghed taht arrest u li kienet ser issir tfittxija fuq il-persuna tieghu, huwa mill-ewwel hareg sustanza suspettata raza tal-*cannabis* mill-kartiera tieghu. Waqt li kienet qeghda ssir *strip search* fuq l-istess imputat, mill-qalziet ta' taht waqghet borza li kien fiha trab kannella suspettat eroina. Fil-kartiera tieghu, instabet ukoll is-somma ta' Lm62. L-imputat ittiehed gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija u hemmhekk ittehditlu stqarrija dakinhar stess.[2] Gewwa r-residenza tal-imputat instabet is-somma ta' Lm360[3], fil-waqt illi

---

[1] Ic-certifikat tat-twelid ta' Eugenio Lanzon jinsab esebit a fol. 17 tal-process.
[2] Xhieda tal-Ispettur Ramon Mercieca, a fol. 13 *et seq* tal-process; xhieda ta' PS 508 Frans Bezzina, a fol. 18 *et seq* tal-process; ir-rapport tal-pulizija esebit a fol. 21 *et seq* tal-process, kif ikkonfermat minn PS 508 Frans Bezzina; xhieda ta' PC 196 Dione Agius, a fol. 23 *et seq* tal-process;
[3] Xhieda ta' PC 10 Trevor Cassar Mallia, a fol. 51 *et seq* tal-process.

fil-kartiera nstabulu wkoll zewg karti tal-identita` ta' terzi persuni u *sim card*. Minn fuq il-persuna tal-imputat gew elevati zewg *mobile phones.*[4]

Mir-relazzjoni tal-espert **ix-Xjenzat Godwin Sammut**[5], jirrizulta illi huwa nghata s-segwenti dokument ghall-analizi u cioe`*envelope* kannella li kien fih 1) borza tal-*plastic* trasparenti, f'liema borza kien hemm i) karta tad-*Drug Squad*; u ii) bicca *aluminium foil* li fiha bicca sustanza ta' lewn kannella; u 2) borza tal-*plastic* trasparenti li fiha: i) karta tad-*Drug Squad*; ii) bicca *plastic* trasparenti li kienet maghluqa b'ghoqda u li kien fiha trab ta' lewn kannella u iii) borza tal-*plastic* li fiha t-trab ta' lewn kannella li kien hemm fil-bicca *plastic*.

Dwar dan id-dokument, l-istess espert ikkonluda hekk: a) Fl-estratt mehud mit-trab ta' lewn kannella nstabet is-sustanza eroina. Il-piz tat-trab kien ta' 4.43 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 15%; b) Fl-estratt mehud mis-sustanza ta' lewn kannella, instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*, sustanza li tigi mill-pjanta tal-kannabis. Il-piz tas-sustanza kien ta' 0.66 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 20%.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi permezz tal-ewwel u r-raba' imputazzjonijiet, l-imputat jinsab akkuzat talli fit-28 ta' Ottubru 2006, huwa forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina lil certu Eugenio Lanzon, kif ukoll talli heddu u dan in segwitu ghar-rapport li ghamel l-istess Lanzon gewwa l-Ghassa ta' B'Kara dakinhar stess.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu[6] fl-istess jum, wara li huwa nghata s-solita twissija li kellu d-dritt li jibqa' sieket, izda dak li jghid jista' jingieb bhala prova, liema stqarrija giet ukoll iffirmatha minnu, mistoqsi jekk dakinhar huwa kienx iltaqa' ma' guvni u talbu sabiex jixtri l-eroina minghandu, **l-imputat** cahad dan u qal illi huwa kien talbu sabiex jaghtih CD u dan b'referenza ghal Eugenio tal-Majca li huwa jghid li ghandu sittax jew sbatax-il sena. Qal illi huwa qatt ma offra droga eroina lil dan Eugenio u mistoqsi jekk dan Eugenio kellux jaghtih xi flus, l-imputat wiegeb fin-negattiv u li dan kellu jaghtih CD. Cahad ukoll illi dakinhar huwa kien qal lil Eugenio li jekk ma kienx ser jixtri l-eroina minghandu, kien ser jisparalu u qal li kien wara l-Ghassa meta ltaqa' mieghu. Qal li huwa qatt ma biegh droga eroina. Qal ukoll illi d-droga eroina u r-raza tal-*cannabis* li nstabu fil-pussess tieghu dakinhar stess kienu ghall-uzu personali tieghu.

---

[4] Xhieda tal-Ispettur Norbert Ciappara, a fol. 46 u 47 tal-process.
[5] Esebita a fol. 64 tal-process.
[6] A fol. 49 *et seq* tal-process.

**L-imputat** xehed ukoll f'dawn il-proceduri fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2010.[7] Huwa qal illi lil Lanzon ma jafux u li jaf biss li hu minn Birkirkara. Qal li Lanzon u zijuh ma jahmluhx, li jberrqulu u li ma jafx ghalfejn ghax qatt m'ghamlilhom xejn. Qal illi fis-snin 2004 sa 2005, huwa kien qed juza l-eroina u li kien jehodha bhala medicina ghaliex il-*pain killers* ma kinux jaqblu mieghu. Dakinhar mar jixtri hames grammi, kien tiela' minn hemm, ra lill-pulizija fil-bieb tal-ghassa u ghamlulu *strip search*. Qal illi huwa ma offriex jew hedded lil Lanzon biex ibieghlu d-droga eroina ghax dik hija l-medicina tieghu u allura ma kienx ser ibieghha. L-imputat esebixxa CD, li madankollu l-Qorti m'hijiex qed tiehu konjizzjoni tieghu u tax-xhieda li nghatat dwaru mill-imputat u minn Lanzon, fl-ewwel lok ghaliex il-Qorti, kif preseduta, ma gietx ezentata fir-rigward tax-xhieda ta' Lanzon mismugha quddiem il-Qorti kif diversament preseduta u sussegwentement, fix-xhieda tieghu tat-12 ta' Novembru 2014, ma saret l-ebda referenza lil Lanzon ghal dan is-CD u fit-tieni lok, ghaliex id-difiza stess irrinunzjat ghat-talba taghha sabiex jigi estiz l-inkarigu ta' Dr. Martin Bajada in konnessjoni mal-istess CD, originarjament maghmula minnha u milqugha mill-Qorti fid-29 ta' Marzu 2010.[8] Meta saritlu referenza ghall-istqarrija u li dakinhar huwa kien qal li kien iltaqa' ma' Lanzon, huwa kkonferma li kien rah u mistoqsi ghaliex kien iltaqa' mieghu, huwa qal illi kien silfu CD originali tal-grupp REM u kien talabulu. Dan Lanzon kien wiegbu "*hallini, qalli m'ghandix mohhok dalghodu*" u l-imputat ma tax kaz u baqa' sejjer. Qal li hares u ra lil Lanzon gej b'sikkina jigri warajh. Qal li huwa mar l-Ghassa, kien hemm l-Ispettur Kevin Farrugia fil-bieb u huwa talab lill-Ispettur biex jaghmel rapport. Skond hu, l-Ispettur qallu biex jibqa' sejjer u hu fil-fatt baqa' sejjer u r-rapport m'ghamlux.[9] Qal li mar jixtri l-ikel ghas-serp u hames grammi ghall-uzu tieghi u x'hin kien tiela' minn quddiem l-ghassa ghamlulu *strip search*. Mistoqsi minn fejn kien xtara l-hames grammi, l-imputat wiegeb li m'ghandux memorja tajba.

**Eugenio Lanzon** xehed fis-seduti tas-6 ta' Novembru 2006 u tad-29 ta' Marzu 2010 u sussegwentement, stante li din ix-xhieda nstemghet quddiem il-Qorti kif diversament preseduta, fuq talba tad-difiza sabiex ix-xhud jixhed quddiem il-Qorti kif preseduta, huwa rega' xehed fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2014.[10]

---

[7] A fol. 97 *et seq* tal-process.

[8] Ara f'dan is-sens il-verbali tas-seduti tad-29 ta' Marzu 2010 u tat-13 ta' Marzu 2015.

[9] **L-Ispettur Kevin Farrugia** xehed f'dawn il-proceduri (a fol. 84 *et seq* tal-process). Huwa qal li dakinhar huwa kellu xoghol iehor, li huwa ma kienx *duty officer* u l-Ispettur Mercieca gie nfurmat biex ikompli jinvestiga dan il-kaz. Qal illi fl-ghassa kien hemm xi nies, li lill-imputat jafu minn investigazzjonijiet ohrajn li m'humiex konnessi ma' dan il-kaz u mistoqsi jekk l-imputat dakinhar kellmux fl-ghassa, huwa wiegeb li jista' jkun li f'xi gurnata ltaqa' mieghu gewwa l-ghassa, imma huwa jiltaqa' hafna mal-imputat gewwa l-ghassa ghaliex dan imur jiffirma hemm.

[10] Din ix-xhieda tinsab a fol. 150 *et seq* tal-process.

F'din ix-xhieda, Lanzon jikkonferma li huwa kien ghamel rapport gewwa l-Ghassa ta' Birkirkara u mistoqsi ghaliex, huwa jghid li l-imputat kien prova jbieghlu l-eroina. Jghid li huwa kien iltaqa' mal-imputat meta kellu biss hdax-il sena, li l-imputat beda jbieghlu l-haxixa bid-dejn ghaliex huwa ma kienx ikollu flus u li kien iltaqa' mal-imputat meta kien imur jilghab il-*billiard* gol-kazin. Jghid li huwa qabad il-vizzju tad-droga minhabba l-imputat, li minhabba fih ghamel disa' snin jiddejjen man-nies u anke mal-imputat stess u li ma baqax jiehu droga minn hames snin qabel (ossia ghalhekk mis-sena 2009), meta kellu t-tfal. Mistoqsi dwar il-jum in kwistjoni, Lanzon jghid illi l-imputat mar jipprova jbieghlu l-eroina, li dak il-hin kienu fl-isqaq tan-nanna tieghu li jigi wara l-Ghassa ta' Birkirkara u li kien ghadu kif jispicca mix-xoghol ma' missieru. L-imputat mar ikellmu. Jghid li ma jiftakarx ezatt x'qallu l-imputat, li minn dak iz-zmien l'hawn jiftakar affarijiet zghar ossia li dan beda jkellmu dwar xi CDs u li mbaghad riedu jiehu l-eroina. Jghid illi huwa wiegeb lill-imputat li ma riedx, li missieru (missier ix-xhud) beda jirrabja mieghu u qallu biex imur l-ghassa u li ghalhekk mar l-ghassa ma' missieru, izda minn hemm ma jafx x'gara. Meta l-Qorti ghamlitlu referenza ghall-fatt li huwa kien ghadu kif qal li l-imputat prova jaghtih l-eroina, Lanzon jghid li l-imputat ma ppruvax jaghtihielu dak il-hin, izda li minn jum ghall-iehor kien jipprova jressqu lejha. Jghid "*mhux dak il-hin prova jaghtihieli. Kien jaghmilha spiss. Kien jipprova jwaqqghani ghall-vizzju*".[11] Mistoqsi x'kien qallu ezatt l-imputat, huwa jwiegeb li ma jiftakarx ezatt x'qallu l-imputat dak il-hin. Jghid li kienu jkunu qeghdin jiehdu t-te u l-imputat kien jghidlu li kien ha jmur jiehu daqqa jew jissuggerilu sabiex imur fil-garaxx mieghu u li ghalhekk kien jipprova jwaqqghu. Mistoqsi x'mar jaghmel l-imputat fil-jum in kwistjoni fl-isqaq ta' nanntu, ix-xhud jghid li l-imputat mar jheddu minhabba s-CDs li kellu jaghtih, izda mistoqsi x'qallu, wiegeb li ma jiftakarx ezatt. Mistoqsi x'qallu l-imputat dakinhar dwar l-eroina, jghid li dakinhar ma qallux dwar l-eroina, izda "*jien rrabjajt ta' kollox u kxiftu ta' kollox hux*".[12] Mistoqsi allura ghalfejn mar l-ghassa, huwa jghid li dan ghamlu ghaliex l-imputat kien heddu u jghid li huwa rrapporta li l-imputat kemm il-darba pprova jaghtih l-eroina. Jghid li l-imputat qatt ma mar hdejh bl-eroina f'idu, li lilu qatt ma wrieh l-eroina, izda kien jurih il-haxixa u l-imputat dak iz-zmien kien ipejjipha mieghu (max-xhud). B'referenza ghar-rapport li kien ghamel lill-Pulizija fil-jum in kwistjoni u li huwa kien qal li l-imputat kien qallu l-kliem 'trid inbieghlek xi *smack*', Lanzon jghid li dakinhar l-imputat ma qallux hekk, li jista' jkun li kien ghadu zghir u li bil-biza' kien qal hekk, izda zgur li l-imputat ma qallux dan il-kliem. Jghid li l-imputat kien mar minhabba s-CD, li l-imputat ma kien semmielu xejn dwar droga, ghalkemm kien semmielu d-droga

[11] A fol. 154 tal-process.
[12] A fol. 155 tal-process.

kemm il-darba qabel dakinhar u li hu nharaq u kixfu ta' kollox. Dwar il-parti tar-rapport fejn huwa kien qal li l-imputat heddu billi qallu li jisparalu u joqtlu, ix-xhud jghid li ma jiftakarx li l-imputat qallu hekk u zgur qatt ma semmielu pistoli. Meta saritlu referenza ghax-xhieda tieghu tas-6 ta' Novembru 2006, fejn bazikament kien ikkonferma dak li gie rrapportat minnu gewwa l-ghassa fil-jum in kwistjoni, huwa jghid li huwa jiftakar li l-imputat mar fejn id-dar ta' nanntu, ix-xhud kien ghadu kif jispicca mix-xoghol u l-imputat talbu l-flus tas-CDs. Jghid illi huwa qallu li ma gablux flus u li l-imputat qallu biex imorru f'hanut maghruf bhala l-Garretta. Ix-xhud jghid li huwa ma riedx imur, l-imputat insista li jmur mieghu u li huwa qallu li ma kienx sejjer, izda anzi kien sejjer jaghmillu rapport, kif fil-fatt ghamel. Jghid illi l-imputat zgur li ma kienx qallu li ser jisparalu. Jghid illi issa qed jghid il-verita`, li fis-sena 2006, l-imputat kien jaghtih id-droga, li dak iz-zmien huwa kien jiehu d-droga ossia l-haxixa u li kien ghamel disa' snin jabbuza minnha. Jghid li kien ghamel id-dejn man-nies ghax l-imputat beda jaghtih il-haxixa meta kellu hdax-il sena, illi llum mohhu qed jahdem sew ghax ghandu t-tfal u qed irabbi familja, li fix-xhieda ta' qabel huwa kien gideb u li lest li jpatti ghal dan. Jghid illi cert li kien taht l-influwenza tal-haxixa u li hareg mill-problema ghaliex hames snin qabel missieru keccieh mid-dar. Mistoqsi allura kienx taht l-influwenza tad-droga meta xehed, jghid li ma jiftakarx ezatt, imma dak iz-zmien kien jiehu u jerga' jghid li dakinhar l-imputat m'offrielux l-eroina.

In kontro-ezami, mistoqsi jekk kellux xi pressjoni minn xi hadd biex jaghmel dan ir-rapport, ix-xhud iwiegeb fin-negattiv u jghid li dak iz-zmien ta' zghazugh li kien, kien jaghmel fattih, li kien jaqbad u jmur l-ghassa minghajr ma jghid lil hadd u li l-familja tieghu m'ghandhomx x'jaqsmu mal-inhawi tal-pjazza ta' Birkirkara ghax ma joqoghdux hemm.

Xehed ukoll **Anthony Lanzon**[13] missier Eugenio Lanzon li qal illi dakinhar huwa kien qed jiehu kafe` faccata ta' Tony's Bar li qieghed kwazi hdejn l-Ghassa ta' Birkirkara u ibnu mar jghajjat. Qallu "*mur sikkett lil Kevin, qalli ghax rega' qabad mieghi*".[14] Qal illi huwa qal lil ibnu biex imur jaghmillu rapport l-Ghassa u li "*daqshekk kien id-diskors*".[15] Qal illi huwa ma rahomx jillatikaw u li sar jaf bl-incident ghax mar jghidlu t-tifel. Qal illi ibnu qallu biss li l-imputat qabad mieghu.

**Ikkunsidrat ukoll:**

[13] A fol. 31 *et seq* tal-process.
[14] A fol. 32 tal-process.
[15] A fol. 32 tal-process.

L-ewwel u r-raba' imputazzjonijiet huma bbazati kompletament fuq ir-rapport li ghamel Eugenio Lanzon fil-jum in kwistjoni. Kemm fl-istqarrija tieghu, kif ukoll fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, l-imputat jichad li huwa qatt offra jew biegh eroina lil Lanzon jew lil haddiehor jew li heddu li jisparalu kemm il-darba ma jixtrix l-eroina minghandu, izda jghid li fil-jum in kwistjoni huwa kien talab xi CD lura lil Lanzon.

Skond l-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'kull kaz, ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. L-Artikolu 637 imbaghad jiddisponi illi f'kwistjonijiet li jolqtu l-kredibilita` ta' xhud, ghandu jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa, jekk hix konsistenti u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, jekk dik ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Gie imbaghad ritenut illi mhux kull kunflitt fil-provi jwassal necessarjament ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata, imma l-gudikant irid jara lil min ser jemmen u f'hiex ser jemmnu u ma jemmnux, tenut kont tal-kriterji kontenuti fl-Artikolu 637 appena imsemmija (Qorti tal-Appell Kriminali, **<u>Il-Pulizija vs Joseph Thorne</u>**, deciza fid-9 ta' Lulju 2003).

Fir-rigward tax-xhieda tal-imputat, il-Qorti tirrileva illi ghalkemm hija ma kellhiex l-opportunita` li tifli l-kompartament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda, biss mit-traskrizzjoni tal-istess xhieda, tinnota diskrepanzi f'partijiet minnha u li f'certi aspetti din m'hijiex kredibbli u verosimili. Hekk per ezempju, fil-waqt li l-ewwel haga li jghid l-imputat fix-xhieda tieghu hija li lil Lanzon ma jafux u jaf biss li hu minn Birkirkara, jghid ukoll illi kien silfu xi CD, diska originali u li dakinhar talabhielu lura – li jfisser ghalhekk li lil Lanzon kien jafu. Fit-tieni lok, ghalkemm l-imputat jghid illi dakinhar Lanzon gera warajh b'sikkina u li huwa mar minnufih jaghmel rapport dwar dan, izda sab lill-Ispettur Kevin Farrugia fil-bieb tal-Ghassa li ma hadlux rapport, dan l-akkadut ma jissemma mkien mill-imputat fl-istqarrija rilaxxjata minnu dakinhar stess. Lanqas l-Ispettur Ramon Mercieca jew PS 508 Frans Bezzina li kienu l-ewwel zewg persuni li tkellmu mal-imputat wara r-rapport ta' Lanzon, ma jindikaw li l-imputat kien semmielhom xi incident simili u dan fil-fatt lanqas ma jirrizulta mill-okkorrenza tal-pulizija, esebita in atti. Lanqas ma hu kredibbli l-imputat meta jghid li m'ghandux memorja tajba meta mistoqsi jekk riedx jghid minn fejn xtara d-droga eroina fil-jum in kwistjoni.

Mill-banda l-ohra, zgur ma jistax jinghad li x-xhieda ta' Lanzon hija xhieda konsistenti jew li dan huwa xhud affidabbli u li a bazi tax-xhieda tieghu, din il-

Qorti tista' tasal sal-konvinciment morali li nhar it-28 ta' Ottubru 2006 – id-data specifika li ghaliha tirreferi l-ewwel imputazzjoni - l-imputat offrielu d-droga eroina jew li heddu li jisparalu jekk ma jaghmilx dan. Ghalkemm fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti fit-12 ta' Novembru 2014, b'referenza specifika ghall-jum in kwistjoni, huwa qal li l-imputat mar biex jipprova jbieghlu l-eroina, apparti li kellmu fuq xi CDs, u dan waqt li kienu fl-isqaq tan-nanna tieghu, mumenti wara fl-istess xhieda, huwa cahad li l-imputat ipprova jaghtih l-eroina dak il-hin jew li offrielu l-eroina ghall-bejgh u qal li ghalkemm l-imputat kien ilu jsemmilu d-droga u jipprova jressqu lejn l-eroina, apparti li skond hu, kien ukoll qabbdu l-vizzju tal-*cannabis* u kienu jpejjpu l-*cannabis* flimkien, dakinhar l-imputat ma semmilux droga eroina. In oltre ghalkemm kemm il-darba matul din ix-xhieda jghid li ma jiftakarx ezattament x'gara dakinhar u x'qallu ezattament l-imputat, lanqas li l-imputat qallu l-kliem 'jekk xi darba mhux ser tiehu minghandi, nisparalek u noqtlok', biss fl-istess hin kien kapaci jiftakar li l-imputat dakinhar zgur ma semmilux droga u lanqas ma heddu li jisparalu (ghaliex skond hu, zgur li qatt ma semmilu pistoli). Anke dwar it-theddid, ix-xhud ghall-ewwel jghid li l-imputat mar jheddu wara l-bieb tan-nanna, minghajr ma jghid kif heddu u li kien mar jaghmel rapport proprju ghaliex l-imputat kien heddu, izda meta saritlu referenza ghal dak li kien qal fir-rapport lill-pulizija u x-xhieda tieghu tas-6 ta' Novembru 2006 dwar dan it-theddid, huwa jichad li l-imputat heddu li jisparalu u jghid li ma jiftakarx li qallu dan id-diskors ('nisparalek u noqtlok') u wara jghid illi wara li talbu s-CD, l-imputat sempliciment issuggerielu li jmur mieghu ghand hanut maghruf bhala l-Garretta, minghajr ma jsemmi l-ebda theddid. Ghal dan id-diskors, allura, skond hu ddecieda li jmur jaghmel rapport lill-imputat. Huwa evidenti li Lanzon hawwad kemm felah f'din ix-xhieda u ghajr ghall-verzjoni tal-imputat u ta' dan ix-xhud, il-Qorti m'ghandha l-ebda prova ohra dwar dak li seta' intqal bejniethom fil-jum in kwistjoni. Veru illi kemm PS 508 u PC 196 it-tnejn xehdu li Lanzon deher bezghan hekk kif dahal gewwa l-ghassa, izda fic-cirkostanzi, il-Qorti ma tistax a bazi ta' dan biss, u tenut kont tax-xhieda xejn konsistenti ta' Lanzon, tikkonkludi illi dawn iz-zewg imputazzjonijiet gew ippruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-ewwel u r-raba' imputazzjonijiet ma gewx ippruvati sodisfacentement fil-grad rikjest mil-ligi.

Permezz tat-<u>tieni imputazzjoni</u>, imbaghad, l-imputat gie akkuzat bil-pussess aggravat tad-droga eroina.

Dwar ir-reat tal-pussess bl-aggravanti, intqal hekk fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

"*Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spjaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed.*"

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, "*kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

Illi f'dan il-kaz m'hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt illi fit-28 ta' Ottubru 2006, l-imputat instab fil-pussess ta' trab kannella u bicca sustanza u skond ir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, jirrizulta illi dan it-trab kien jikkontjeni d-droga eroina fil-piz ta' 4.43 grammi, fil-waqt illi s-sustanza kienet raza tal-*cannabis* fil-piz ta' 0.66 grammi. Jirrizulta wkoll illi borza tal-*plastic* bl-eroina waqghet mill-qalziet ta' taht tal-imputat waqt *strip search*, fil-waqt li l-*cannabis* kienet fil-kartiera tieghu. L-imputat jghid illi huwa kellu l-vizzju tad-droga u li allura d-droga hekk misjuba kienet intiza biss ghall-uzu personali tieghu. Fi kliem iehor, dak li qed jikkontesta l-imputat huwa l-pussess aggravat tal-eroina.

Dwar din id-droga, fl-istqarrija rilaxxjata minnu fil-jum in kwistjoni, l-imputat qal li huwa ma jahdimx, izda jirregistra u li jircievi beneficcji socjali fis-somma ta' Lm36 fil-gimgha u cioe` Lm144 fix-xahar. Qal li huwa ghandu l-vizzju tad-droga, li juza l-eroina u l-*cannabis* u li l-eroina jehodha bil-labra. Qal li ghall-eroina hallas il-prezz ta' Lm100 u ghar-raza tal-*cannabis*, hallas Lm5 u cahad li qatt biegh

l-eroina. Fir-rigward tas-somma ta’ Lm360 li nstabet fir-residenza tieghu[16], l-imputat jghid illi dawn tathomlu habiba tieghu, certu Anna minn B’Kara li toqghod wara l-Ghassa, sabiex jiftah kawza l-Qorti dwar incident li kellu bil-mutur fis-sena 1998, fil-waqt illi fir-rigward tas-somma ta’ Lm62 li nstabet fuq il-persuna tieghu, jghid illi dawn huma flus tar-*relief*. Mistoqsi kemm juza eroina kuljum, huwa qal illi juza pakkett ta’ Lm5 jew ta’ Lm10 u li pakkett ta’ Lm5 juzah zgur. Mistoqsi allura kif ghandu l-vizzju ta’ Lm5 mill-inqas eroina kuljum, meta lanqas jircievi Lm5 kuljum f’beneficcji socjali, l-imputat wiegeb illi huwa jixtri hames grammi b’Lm100 u li bi gramma jaghmel gimgha jew anqas. Qal illi ilu juza l-eroina xahrejn. Fix-xhieda tieghu, imbaghad, l-imputat jghid illi fil-jum in kwistjoni, huwa kien ghaddej fil-vicinanzi tal-Ghassa ta’ Birkirkara u mar jixtri hames grammi, qabel gie mwaqqaf mill-pulizija u saritlu tfittxija.

Skond l-Ispettur Norbert Ciappara, fil-kartiera tal-imputat instabu wkoll zewg karti tal-identita` ta’ terzi persuni.[17] Dwar dan l-imputat ma gie mistoqsi xejn fl-istqarrija tieghu. Ghalkemm l-Ispettur Ciappara jghid illi l-imputat qal li dawn iz-zewg persuni kellhom jaghtuh xi flus, biss minn din ix-xhieda, ma jirrizultax b’mod car illi dan intqal mill-imputat lill-Ufficjal Investigatur wara li huwa kien inghata d-dritt tieghu li jibqa’ sieket. Ghaldaqstant il-Qorti m’hijiex qed tiehu konjizzjoni ta’ dak li qal l-imputat fir-rigward ta’ dawn il-karti tal-identita`. In oltre fir-rigward tal-verbal tad-9 ta’ Mejju 2008, mil-liema jirrizulta illi l-Ufficjal Prosekutur ipprezenta s-somma ta’ Lm638 li, skond ix-xhieda tieghu tal-istess data, kienet giet elevata mill-pulizija meta l-imputat gie arrestat fit-18 ta’ April 2004, jidher illi din is-somma m’ghandha x’taqsam xejn ma’ dan il-kaz li dwaru l-imputat gie arrestat fit-28 ta’ Ottubru 2006.

Fl-ewwel lok, jirrizulta car mill-atti illi fiz-zmien in kwistjoni, l-imputat kellu l-vizzju tad-droga eroina. Apparti li dan jghidu huwa stess fl-istqarrija u fix-xhieda tieghu, biss jirrizulta wkoll mill-atti illi matul dawn il-proceduri, huwa beda jsegwi programm ghar-rijabilitazzjoni tieghu mill-vizzju tad-droga gewwa l-Komunita` Santa Marija u in oltre, li l-imputat kien jaghmel uzu mid-droga gie kkonfermat ukoll minn Dr. Anthony Dimech[18] u minn Vicky Scicluna in rapprezentanza tal-Agenzija Sedqa[19] li tghid illi kienet ilha taf lill-imputat fuq ghaxar snin (ix-xhieda taghha inghatat fit-3 ta’ Dicembru 2013), li kienet tafu anke fiz-zmien li kien

[16] Dwar is-somma ta’ Lm360, PC 10 Trevor Cassar Mallia (a fol. 51 *et seq* tal-process) jikkonferma li din instabet minnu fir-residenza tal-imputat, gewwa kexxun.
[17] A fol. 46 tal-process.
[18] Ara x-xhieda tieghu a fol. 167 *et seq* tal-process.
[19] A fol. 173 tal-process.

jabbuza mid-droga u li huwa kien juza d-droga bhala *self-medication* wara incident serju li kellu, li mill-atti jirrizulta li sehh fl-20 ta' Gunju 1998.

Biss il-fatt illi fiz-zmien in kwistjoni l-imputat kellu l-vizzju tad-droga, ma jeskludix necessarjament illi d-droga li nstabet fil-pussess tieghu ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu. Kif inghad fis-sentenzi fuq citati, il-Qorti trid tevalwa c-cirkostanzi kollha li fihom instabet id-droga in kwistjoni u jekk minkejja li jirrizultalha li fl-istess zmien, l-imputat kien jaghmel huwa stess uzu mill-istess droga, tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, a bazi tal-provi li jitressqu quddiemha, illi dak il-pussess tad-droga ma kienx ghall-uzu esklussiv ossia ghall-uzu biss tal-imputat, allura l-Qorti ghandha ssib htija tal-pussess tad-droga bl-aggravanti.

Issa fl-ewwel lok, jirrizulta illi d-droga eroina misjuba fil-pussess tal-imputat kienet f'borza wahda u skond hu, kien ghadu kif xtraha bil-prezz ta' Lm100 ftit mumenti qabel l-arrest tieghu. It-trab f'din il-borza kien jikkonsisti f'piz ta' 4.43 grammi, fil-waqt li huwa jghid li xtara hames grammi u li hames grammi kien jixtrihom bil-prezz ta' Lm100 – pizijiet dawn li m'humiex negligibbli u lanqas ma huma normalment abbinati ma' uzu personali, tant illi l-ligi stess fl-Artikolu 4(1) tal-Kap. 537 tabbina kwantita` ta' zewg grammi jew inqas mal-uzu personali. X'aktarx u huwa verosimili illi l-fornitur tieghu biegh lill-imputat 4.43 grammi bl-intiza li dawn kienu hames grammi. L-imputat jghid illi huwa jiehu pakkett ta' Lm5 jew Lm10 kuljum u li pakkett ta' Lm5 jiehdu zgur, li jfisser ghalhekk li l-imputat kien jaqsam id-droga li jixtri f'dozi. Issa jekk l-imputat kien jiehu pakkett ta' Lm5 jew Lm10 kuljum, dan ifisser li ma kienx jiehu izjed minn 0.2 grammi kuljum, anke tenut kont tal-fatt illi doza tipika tal-eroina hija bejn 0.1 u 0.2 grammi. Fil-fatt jekk wiehed iqis illi bi gramma, huwa kien jaghmel gimgha jew inqas, ifisser ukoll illi huwa kien jiehu cirka 0.14 grammi jew ftit izjed kuljum. Issegwi wkoll necessarjament il-mistoqsija: ghalfejn l-imputat xtara din id-droga kollha f'daqqa meta l-uzu li kien jaghmel minnha kuljum kien ferm inqas minn dan l-ammont u meta allura skond dak li qal hu, hames grammi eroina kienu ser iservuh bejn erba' u hames gimghat? Hawnhekk qed nitkellmu fuq persuna li tippercepixxi ghajnuna socjali ta' Lm144 f'xahar ossia Lm36 f'gimgha u li f'salt wiehed xtara b'Lm100 droga eroina. Veru li x'aktarx l-imputat kien qed jiffranka l-flus jekk jixtri b'Lm100 eroina f'daqqa minflok pakkett ta' Lm5 jew Lm10 kuljum, izda bniedem li bilkemm ghandu ghajxa ta' lejla u li jghix mil-lum ghal ghada u li jrid jara kif u b'liema mezzi ser isostni l-vizzju tieghu, bhall-imputat, ma jahsibx biex jiffranka l-flus, izda biss kif ser isosnti l-vizzju tieghu. Kif inhuwa risaput, bniedem li jkollu l-vizzju tad-droga u li jabbuza mid-droga kuljum, kif pinga lilhu innifsu l-imputat, lanqas ikollu flus biex jixtri d-droga u dak il-ftit li

jkollu juzah biex jixtri pakkett jew tnejn u certament mhux hames grammi. In oltre, jirrizulta wkoll illi fil-kartiera tieghu, l-imputat kellu s-somma ta’ Lm62 li huwa jghid li kienu flus tar-*relief*. Mela allura l-imputat kien ghadu kif nefaq Lm100 fuq droga u xorta kien ghad fadallu Lm62, li jfisser illi dakinhar biss, kellu izjed flus fuqu milli kien jippercepixxi f’xahar shih. Dan apparti wkoll illi naturalment l-imputat kellu bzonn il-flus biex jghix, kien jabbuza wkoll mill-*cannabis* u allura kien jehtieglu jixtri din ukoll u kien anke jixtri l-ikel ghas-serp. Apparti minn hekk, l-imputat kellu fuqu mhux wiehed, izda zewg *mobiles* u in oltre kellu wkoll *sim card* ohra fil-kartiera tieghu – dan jerga’ jinghad fir-rigward ta’ persuna li jippercepixxi biss Lm36 f’gimgha - u in oltre gewwa r-residenza tieghu nstabet is-somma ulterjuri ta’ Lm360. F’dan ir-rigward l-imputat qal fl-istqarrija tieghu, illi dawn inghataw lilu minn habiba tieghu – certu Anna minn B’Kara – sabiex jiftah kawza civili. Veru li mill-atti jidher li fis-sena 2008 (allura sentejn wara dan il-kaz), l-imputat fetah kawza civili in konnessjoni mal-incident li kellu, izda minn imkien ma jirrizulta illi dawn il-flus effettivament inghataw lilu mill-habiba tieghu, kif jghid hu. Veru wkoll illi l-imputat igawdi mid-dritt tieghu tas-silenzju u li ma tista’ ssir l-ebda inferenza negattiva f’dan ir-rigward. Biss min jallega jrid jipprova – principju dan li japplika kemm ghall-prosekuzzjoni, li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, kif ukoll ghad-difiza, li tehtieg li taghmel il-prova taghha biss sal-grad tal-probabbli. La darba l-imputat jghid illi huwa ottejna dawn il-flus minghand il-habiba tieghu ghall-iskop imsemmi, allura kien jinkombli lid-difiza li tipprova dan il-fatt fuq bazi ta’ probabilita`, liema prova baqghet ma ngabitx.

Fid-dawl ta’ dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti issib li l-Prosekuzzjoni ippruvat fil-grad rikjest mil-ligi, illi l-imputat huwa hati tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, kif diga` inghad, jirrizulta car illi l-imputat kellu fil-pussess tieghu raza tal-*cannabis* fil-piz ta’ 0.66 grammi u ghaldaqstant, din l-imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement ippruvata.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti kkunsidrat fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reati odjerni, liema fedina penali kienet tikkonsisti f’kundanna dwar reati kontravvenzjonali.

Ikkunsidrat ukoll il-piz tad-droga eroina misjuba fil-pussess tal-imputat, li kif inghad m’huwiex wiehed negligibbli u li fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, ossia l-

pussess tar-raza tal-*cannabis*, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

Qieset ukoll il-kopji tac-certifikati medici rilaxxjati minn Dr. Anthony Dimech fis-27 ta' Lulju 2011 u fid-29 ta' Settembru 2010 rispettivament,[20] ix-xhieda tal-Ufficjal tal-*Probation* Maryanne Zammit[21] li qalet illi dakinhar stess (ossia fit-3 ta' Dicmebru 2013) l-imputat taha kampjun tal-urina li rrizulta fin-negattiv ghall-kokaina, *cannabis* u eroina u tal-konsulent psikjatriku, Dr. Anthony Dimech[22] li kkonferma illi l-imputat dejjem sostna illi huwa kien juza d-droga biex jikkontrolla l-ugiegh jew problemi relatati mal-incident li kellu, izda wara perjodu ta' kura, kien waqqaf l-uzu tad-droga illecita u stabilizza ruhu fuq il-medicini li nghata. Qal ukoll illi l-imputat irnexxielu jaghmel zmien twil minghajr il-*methadone* u minghajr ma juza d-droga u li kienu jsirulu testijiet gewwa d-Detox regolarment. Madankollu kien ghadu jiehu kura u medikazzjoni minhabba l-effetti tal-incident li ghadda minnu u li l-impatt tal-incident kien wiehed sinjifikanti. Mix-xhieda ta' Vicky Scicluna in rapprezentanza tal-Agenzija Sedqa[23] jirrizulta illi wkoll hija kienet ilha taf lill-imputat fuq ghaxar snin u spjegat il-problemi li kellu l-istess imputat b'konsegwenzi tal-incident li kellu, inkluz illi huwa kien jiehu l-eroina bhala *self-medication*. Qalet illi dahal fil-programm fis-sena 2007 u ghalkemm ma temmx il-programm ghaliex hareg minnu wara xi sitt xhur, huwa ha l-massimu minnu u ghamel progress. Qalet illi baqghet issegwih u ghadha ssegwih sa llum (hija xehdet fit-3 ta' Dicembru 2013), li ghamel zmien twil hieles mid-droga, ghalkemm kien hemm okkazzjonijiet fejn rega' waqa', izda rega' qabad it-triq it-tajba u minn dak iz-zmien baqa' *clean*, apparti li rrikoncilja mal-familja tieghu u qed jghix hajja stabbli. Skond l-istess xhud tant kien ghamel progress, illi xi sena qabel hija stess issuggeriet lill-imputat li jaghlqu l-kaz tieghu, b'dan illi hija kienet ser tibqa' disponibbli kemm il-darba huwa jhoss il-htiega. Fil-fatt huwa xorta zamm il-kuntatt maghha u sa sena qabel, kien jaghti l-kampjuni tal-urina regolarment u dejjem kienu *clean*. Ikkonfermat ukoll illi l-imputat ma kienx ghadu jiehu l-*methadone* lanqas.

Ikkunsidrat ukoll illi ghalkemm ir-reat fl-imputazzjoni (b) huwa wiehed serju, il-Qorti ma tistax tinjora l-progress li ghamel l-imputat matul is-snin u illi llum huwa gheleb il-vizzju tad-droga u qed jghix hajja stabbli. Fil-waqt illi l-imputat ghandu certament ihallas il-kontijiet mas-socjeta` ghall-ghemil tieghu u l-Qorti hija konxja mill-gurisprudenza tal-Qrati fis-sens illi dak li qed jigi punit m'huwiex il-vizzju

[20] A fol. 192 *et seq* tal-process.
[21] A fol. 182 *et seq* tal-process.
[22] A fol. 167 *et seq* tal-process.
[23] A fol. 173 tal-process.

tal-imputat, izda l-hsara li huwa rreka lis-socjeta`, mill-banda l-ohra l-Qorti temmen ukoll illi ma jkun ta' ebda beneficcju ghall-istess socjeta` li minnha huwa jifforma parti, illi jigu rovinati l-isforzi kollha li ghamel l-istess imputat u li ghamlu mieghu l-professjonisti kollha nvoluti fit-triq tar-rijabilitazzjoni tieghu mill-vizzju tad-droga.

Qieset ukoll illi ghalkemm din il-kawza tirrisali ghal Ottubru 2006, il-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha f'April 2009 u minn dakinhar inghataw diversi differimenti sabiex id-difiza tressaq il-provi taghha, li finalment inghalqu fit-13 ta' Marzu 2015. Hafna mid-dewmien f'dawn il-proceduri ghalhekk kien dovut ghad-difiza stess.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-G.N. 292/1939, l-Artikoli 4(1) u (2) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet (a) u (d) migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnhom, izda qed issibu hati tal-imputazzjonijiet (b) u (c) u qed tikkundannah fir-rigward tal-imputazzjoni (b) ghall-piena ta' **ghaxar (10) xhur prigunerija effettiva** – li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn qed jinstab hati taghhom - u **multa ta' tminn mitt Euro** (**€800)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-ghan ir-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Fir-rigward tal-imputazzjoni (c), bl-applikazzjoni tal-Artikoli 4(1) u (2) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, il-hati qed jigi kkundannat ghall-**penali ta' hamsin Euro (€50)**.

Tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez dwar il-hatra tal-esperti f'dawn il-proceduri ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ossia l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' sitta u tmenin Lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm86.14) ekwivalenti ghas-somma ta' mitejn Euro u hamsa u sittin centezmu (€200.65) u l-

ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert l-Avv. Dr. Martin Bajada, ammontanti ghas-somma ta' mitejn u disghin Euro, tlieta u hamsin centezmu (€290.53), liema spejjez b'kollox jammontaw ghas-somma ta' erba' mija, wiehed u disghin Euro u tmintax-il centezmu (€491.18) u ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien sena mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga Dokument NC2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna l-konfiska tas-somma ta' disa' mija, tnejn u tmenin Euro u disgha u disghin centezmu (€982.99), originarjament erba' mija, tnejn u ghoxrin Lira Maltin (Lm422) u esebiti bhala Dok. NC u NC1, favur il-Gvern ta' Malta.

Tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs illi huwa ferm importanti illi l-hati jinghata l-kura u l-ghajnuna kollha necessarja, inkluz ghajnuna psikologika u psikjatrika skond il-htigijiet tieghu u r-rakkomandazzjonijiet tal-professjonisti involuti prezentement fil-kura tieghu u ghal dan il-ghan, tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

Tordna wkoll lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga lil Eugenio Lanzon in konnessjoni mar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 104 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghal dan il-ghan, tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat